KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.3.2005
KUMM(2005) 87 finali

2005/0020 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2005) 351}
{SEG(2005) 352}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI U SFOND

1.1. Introduzzjoni

Wara l-Programm preliminari ta' l-1975 għal politika ta' protezzjoni u informazzjoni għall-konsumatur[1] u l-*Green Paper* ta' l-1993 dwar l-Aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja u s-soluzzjoni ta' tilwim tal-konsumatur fis-suq wieħed[2], il-Kummissjoni fl-1996 adottat Komunikazzjoni li tirrigwarda pjan ta' azzjoni dwar l-aċċess tal-konsumatur għall-ġustizzja u s-soluzzjoni ta' tilwim fis-suq intern[3]. Il-pjan ta' azzjoni iffoka fuq il-promozzjoni u t-tkabbir ta' proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwim ta' konsumatur individwali, u għamel provvediment għall-introduzzjoni ta' aċċess simplifikat għall-proċeduri tal-qorti. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam fl-1999, l-Unjoni Ewropea tat lilha nnifisha l-għan li tistabbilixxi progressivament żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fost oħrajn permezz ta' l-adozzjoni ta' miżuri fil-kamp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili.

Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere ta' l-1999 stieden lill-Kunsill sabiex jistabbilixxi regoli speċjali ta' proċedura komuni għal litigazzjoni simplifikata u aċċellerata dwar talbiet żgħar, u sabiex jiġu aboliti l-mizuri intermedji li għadhom meħtieġa sabiex ikun hemm rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni jew sentenza fl-Istat mitlub għat-titoli kollha fir-rigward ta' talbiet żgħar (i.e., mhux limitati għal talbiet tal-konsumatur).

Il-programm konġunt tal-Kummissjoni u tal-Kunsill ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2000[4], sejjaħ għal simplifikazzjoni u tħaffif tas-soluzzjoni ta' litigazzjoni dwar talbiet żgħar. Diskussjonijiet dwar is-simplifikazzjoni u tħaffif tas-soluzzjoni ta' litigazzjoni dwar talbiet żgħar jiffaċilitaw ukoll ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi.

Il-bżonn ta' litigazzjoni għal talbiet żgħar li tkun simplifikata u mħaffa ġiet ukoll espressa mill-Parlament Ewropew[5].

1.2. Il-*Green Paper* dwar Ordni Ewropea għal proċedura ta' pagament u dwar miżuri li jissimplifikaw u jħaffu litigazzjoni għal talbiet żgħar

L-adozzjoni ta' din il-proposta kienet ippreċeduta minn konsultazzjoni wiesgħa kemm ta' l-Istati Membri u l-partijiet kollha interessati tas-soċjetà ċivili. Il-*Green Paper* dwar ordni Ewropea għall-proċedura ta' pagament u dwar miżuri sabiex tiġi ssimplifikata u mħaffa l-litigazzjoni għal talbiet żgħar[6] ippreżentata mill-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2002 tat deskrizzjoni fil-qosor tal-proċeduri tat-talbiet iż-żgħar li jeżistu bħalissa fl-Istati Membri. Ibbażat fuq studju komparattiv ta' kif Stati Membri jitrattaw il-kwistjonijiet proċedurali rilevanti, din ifformulat numru ta' mistoqsijiet dwar l-iskop mixtieq u l-fatturi ta' strument Ewropew.

---

1 ĠU C 92, 25.4.1975, p. 2.
2 KUMM(93) 576.
3 KUMM(96) 13.
4 ĠU C 12, 15.1.2001, p. 1.
5 ĠU C 146, 17.5.2001, p. 4.
6 KUMM(2002) 746 finali.

Ir-reazzjonijiet għall-*Green Paper* li ġew diskussi aktar f'seduta pubblika organizzata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2003 urew li strument li jissimplifika u jħaffef litigazzjoni għal talbiet żgħar hu kkunsidrat kważi unanimament bħala pass 'il quddiem fil-ħolqien ta' qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Fl-opinjoni tiegħu[7] tat-18 ta' Ġunju 2003 dwar il-*Green Paper*, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew laqa' l-inizzjattiva tal-Kummissjoni li tiġi varata konsultazzjoni dwar din il-kwistjoni u l-isforzi tal-Kummissjoni li taċċellera l-proċeduri ċivili u li tagħmilhom irħas u aktar effiċjenti. Dan appoġġja t-twaqqif ta' proċedura Ewropea li tissimplifika u tħaffef il-litigazzjoni għal talbiet żgħar. Il-Kumitat ikkunsidra li miżuri xierqa sabiex titħaffef tali litigazzjoni għandhom jiġu definiti mingħajr, fl-istess ħin, ma jkunu pperikolati l-garanziji mogħtija lill-partijiet in kwistjoni taħt l-istat tad-dritt.

Fl-opinjoni tiegħu[8] tat-12 ta' Frar 2004 dwar il-*Green Paper*, il-Parlament Ewropew laqa' l-inizzjattiva tal-Kummissjoni, u stqarr li l-proċedura għal talbiet żgħar m'għandhiex tapplika biss għal każijiet li jirrigwardaw pagament ta' somma flus, bil-fehma li għandu l-ewwel jiġi ddeterminat limitu fuq il-bażi ta' l-ammont in kwistjoni, iżda għandha wkoll tkun estiża sabiex tkopri kull tilwim ieħor li jirrigwarda relazzjonijiet ekonomiċi li jaqgħu taħt it-titolu ta' obbligazzjonijiet. Barra minhekk, fil-proċedura għal talbiet żgħar il-metodi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR) għandhom jiġu applikati, it-teħid ta' xhieda għandu jkun ssimplifikat, u d-dritt ta' appell għandu jkun limitat.

Fis-16 ta' Marzu 2004 laqgħa ta' esperti ta' l-Istati Membri ddiskutew abbozz ta' Regolament li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. L-istrateġija meħuda minn dan it-test kien ġeneralment apprezzat mid-delegazzjonijiet, jiġifieri li jiġi adottat regolament li jkollu bħala għanijiet li jissimplifika u jħaffef il-litigazzjoni għal talbiet żgħar billi tiġi stabbilita Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar disponibbli lil-litiganti bħala alternattiva għall-proċeduri eżistenti taħt il-liġijiet ta' l-Istati Membri li m'humiex se jiġu effettwati, u li jiġu aboliti l-miżuri intermedji li jippermettu r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza mogħtija f'Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar fi Stat Membru ieħor.

2. L-GĦANIJIET U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

2.1. L-għan globali

2.1.1. Is-sinifikat ta' proċeduri effiċenti għal Talbiet Żgħar

L-ispejjeż, id-dewmien u l-vessazzjoni ta' proċeduri legali mhux neċessajament jonqsu proporzjonalment ma' l-ammont tat-talba. Għall-kuntrarju, aktar ma t-talba tkun żgħira, aktar jikber il-piż ta' dawn l-ostakli. F'bosta Stati Membri, dan wassal għall-ħolqien ta' proċeduri ċivili simplifikati għal Talbiet Żgħar. Fl-istess ħin, in-numru potenzjali ta' tilwim trans-konfinali qiegħed dejjem jikber bħala konsegwenza ta' l-użu dejjem akbar tad-drittijiet tat-Trattat tal-KE tal-moviment ħieles tal-persuni, oġġetti u servizzi. L-ostakli għall-kisba ta' sentenza mħaffa u mhux għalja huma ntensifikati b'mod ċar f'kuntest trans-konfinali. Ħafna drabi jeħtieġ jinqabbdu żewġ avukati, hemm spejjeż addizzjonali ta' traduzzjoni u

---

7 ĠU C 220, 16.9.2003, p. 5.

8 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-prospetti sabiex tiġi approssimata l-liġi tal-proċedura ċivili fl-Unjoni Europea (KUMM(2002) 654 + KUMM(2002) 746 – C5-0201/02003 – 2003/2087(INI)), A5-0041/2004.

interpretazzjoni u fatturi oħra varji bħalma huma spejjeż żejda ta' vvjaġġar għal-litiganti, xhieda, avukati eċċ.

Problemi potenzjali mhumiex limitati għal tilwim bejn individwi. Anki s-sidien ta' negozji żgħar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet meta jkunu jridu jmexxu t-talbiet tagħhom fi Stat Membru ieħor. Iżda, bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' proċedura li hi "proporzjonata" għall-valur tal-litigazzjoni, l-ostakli li aktarx jiltaqa' magħhom il-kreditur jistgħu jrendu dubbjuż it-teħid ta' passi legali f'sens ekonomiku. L-ispiża għall-kisba ta'sentenza, b'mod partikolari kontra konvenut fi Stat Membru ieħor, ħafna drabi hu disproporzjonat ma' l-ammont tat-talba involuta. Bosta krediturі, iffaċċjati bl-ispiża tal-proċeduri, u skoraġġuti mid-diffikultajiet prattiċi li jistgħu jinqalgħu, jabbandunaw kull tama tal-kisba ta' dak li huma jemmnu li bi dritt huwa tagħhom.

2.1.2. Fatturi karatteristiċi tal-proċeduri għal Talbiet Żgħar – simplifikazzjonijiet proċedurali

Fil-qafas tas-sistemi proċedurali u t-tradizzjonijiet tagħhom, bosta Stati Membri ntroduċew regoli speċifiċi fir-rigward tal-litigazzjoni għal talbiet żgħar li jipprovdu għal simplifikazzjonijiet proċedurali meta mqabbla mal-proċedura ordinarja. Mhix sorpriża li s-soluzzjonijiet maħsuba jvarjaw minn xulxin. Fejn f'ċerti Stati Membri hemm proċeduri speċifiċi għal Talbiet Żgħar, oħrajn jipprovdu għal ċerti simplifikazzjonijiet proċedurali f'każijiet ta' Talbiet Żgħar. Hemm ukoll differenzi fir-rigward tal-grad li għalihom japplikaw simplifikazzjonijiet speċifiċi proċedurali.

Hemm Proċeduri speċifiċi għal Talbiet Żgħar li jipprovdu għal simplifikazzjonijiet varji meta mqabbla mal-proċedura ordinarja fir-Renju Unit (L-Ingilterra/Wales, l-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq), l-Irlanda, l-Isvezja u Spanja. Fil-Ġermanja, il-qrati jistgħu jiddeterminaw il-proċeduri tagħhom kif iħossu xieraq fil-każijiet ta' Talbiet Żgħar. Fi Franza, hemm metodu ssimplifikat biex tiġi ntrodotta l-proċedura għal Talbiet Żgħar ("déclaration au greffe"). Il-Kodiċijiet tal-Proċedura Ċivili ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Olanda u Stati Membri oħra fihom simplifikazzjonijiet proċedurali varji meta mqabbla mal-proċedura ordinarja applikabbli f'każijiet li huma taħt ċerti limiti. Filwaqt li wieħed ma jistax jikkonsidra dawn is-simplifikazzjonijiet proċedurali bħala li jammontaw għal Proċedura speċifika għal Talbiet Żgħar fis-sens strett tal-kelma, fil-prattika jinkisbu riżultati simili ħafna.

Il-fatturi l-aktar importanti tal-proċeduri għal Talbiet Żgħar u simplifikazzjonijiet proċedurali eżistenti jistgħu jiġu mqassra kif ġej:[9]

– L-Istati Membri kollha li għandhom proċeduri għal Talbiet Żgħar għandhom limiti kwantitattivi għal dawn il-proċeduri li, madankollu, jvarjaw b'mod konsiderevoli[10]. Xi Stati Membri japplikaw il-proċedura għal Talbiet Żgħar b'mod addizzjonali wkoll għal ċerti tipi ta' litigazzjoni, ikun x'ikun il-limitu. Fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri bi proċeduri għal Talbiet Żgħar, dawn il-proċeduri m'humiex disponibbli biss fil-każ ta' talbiet ta' flus. L-użu tal-proċedura simplifikata f'bosta każijiet hi obbligatorja (għal talbiet taħt il-limitu), iżda litigazzjoni tista' tiġi trasferita għal proċedura ordinarja jew waħda aktar formali permezz ta' l-imħallef jew fuq l-applikazzjoni ta' parti.

[9] Ara għal aktar dettalji l-Kapitolu 4.3 tal-*Green Paper*.

[10] Bejn 600 € (il-Ġermanja) u 8.234 € (l-Ingilterra/Wales).

– F'bosta proċeduri għal Talbiet Żgħar eżistenti, hemm formoli għar-reġistrazzjoni tat-talba. M'hemm l-ebda obbligu li jiddaħħlu referenzi legali fl-applikazzjoni f'kwalunkwe Stat Membru, i.e., referenzi fattwali biss huma meħtieġa. Fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri, hemm l-assistenza ta' skrivan tal-qorti jew *help desk* għall-introduzzjoni ta' proċedura. Barra minhekk, l-imħallef jagħti l-assistenza tiegħu waqt is-smigħ lil parti li mhux rappreżentata minn avukat (partikolarment fuq punti ta' proċedura), filwaqt li jħares il-prinċipju ta' l-imparzjalità. Fil-preżent, l-ebda Stat Membru ma jitlob ir-rappreżentanza mandatarja ta' avukat fi proċeduri għal Talbiet Żgħar.

– Il-laxkar tar-regoli dwar il-teħid tal-provi hu wieħed mill-punti kruċjali fil-proċeduri għal Talbiet Żgħar fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri. F'bosta każijiet, l-imħallef għandu ċertu ammont ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Il-possibbiltà ta' proċedura purament bil-miktub (minflok smigħ orali) teżisti fil-preżent f'bosta każijiet. F'ċerti każijiet, ir-regoli li jikkonċernaw il-kontenut ta' sentenza huma laxki. Hemm limitu ta' żmien għall-għoti ta' sentenza f'bosta Stati Membri. Ir-regoli ta' proċedura fir-rigward tal-ħlas lura ta' spejjeż ivarjaw b'mod sinifikanti. Fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri, l-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-konvenut waħdu jekk dan jitlef. Il-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw il-possibbilità ta' appell kontra deċiżjonijiet f'proċeduri għal Talbiet Żgħar ivarjaw b'mod konsiderevoli.

2.2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

2.2.1. Il-bżonn ta' azzjoni f'livell Komunitarju

L-Artikolu 65 tat-Trattat tal-KE jagħti poteri leġislattivi lill-Komunità fir-rigward ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kamp ċivili li għandhom implikazzjonijiet trans-konfinali sa fejn hu neċessarju għat-tħaddim xieraq tas-suq intern.

Fir-rigward tar-rekwiżit tas-suq intern, hemm marġini ta' apprezzament għall-istituzzjonijiet tal-Komunità fl-istabbiliment ta' jekk miżura hix neċessarja għat-tħaddim xieraq tas-suq intern. Fir-rigward ta' din il-proposta, it-tħaddim xieraq tas-suq intern hu ffaċilitat peress illi t-twaqqif ta' proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tgħin sabiex jiġu eliminati l-ostakli għall-moviment ħieles ta' l-oġġetti, persuni, servizzi u kapital. Kif deskritt hawn fuq (2.1.2.), fil-preżent proċeduri għal Talbiet Żgħar huma sostanzjalment differenti fl-Istati Membri. L-aċċess ta' operaturi ekonomiċi għal mekkaniżmi ġudizzjarji ta' livelli ta' tħaddim sostanzjalment differenti tinvolvi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern kemm jekk l-atturi huma domiċiljati fi Stati Membri differenti u kemm jekk dawn huma domiċiljati fl-istess Stat Membru. Jekk ċerti operaturi għandhom aċċess għal proċeduri effiċjenti u effettivi waqt li oħrajn le, ma hemm l-ebda parità fil-kondizzjonijiet għall-operaturi li qed jikkompetu fis-suq intern. Id-disparitajiet eżistenti fil-liġijiet ta' l-Istati Membri ipoġġu ostakli għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. Konsegwentement, sitwazzjoni li timplika żbilanċ ta' ċerta importanza fl-effiċjenza tal-mezzi proċedurali mogħtija lill-krediturі taħt liġijiet nazzjonali differenti tammonta għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar b'hekk tiffaċilita il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

Dwar ir-rekwiżit trans-konfinali, il-parti l-kbira tal-verżjonijiet tat-Trattat jużaw it-terminu "affari", u mhux "miżura". B'hekk hu neċessarju u suffiċjenti li l-"affari" jkollha implikazzjonijiet trans-konfinali. Din l-interpretazzjoni hi kkonfermata bl-ittra (c) ta' l-Artikolu 65 li tipprovdi li miżuri fil-kamp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili għandha tinkludi t-tneħħija ta' ostakli għat-tħaddim tajjeb tal-proċeduri ċivili, u bl-Artikolu III-269 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

Il-liġi proċedurali fin-natura tagħha jista' jkollha implikazzjonijiet trans-konfinali. L-imħallef dejjem ser japplika il-lex fori kemm jekk il-litigazzjoni jkollha elementi trans-konfinali jew le. Litigazzjoni għal Talbiet Żgħar tikkostitwixxi affari b'implikazzjonijiet trans-konfinali peress illi – meta jittieħed in konsiderazzjoni l-iżvilupp tas-suq intern - il-parti l-kbira ta' l-operaturi ekonomiċi u l-konsumaturi llum jew għada se jkunu involuti f'tali litigazzjoni barra mill-pajjiż.

Miżura li tapplika wkoll f'każijiet purament interni li hi neċessarja għat-tħaddim xieraq tas-suq intern, b'mod partikolari peress illi telimina distorsjonijiet fil-kompetizzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi ta' l-Istati Membri differenti, neċessarjament għandha implikazzjonijiet trans-konfinali peress illi t-twaqqif ta' Proċedura effiċjenti għal Talbiet Żgħar f'kull Stat Membru għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja taħt kondizzjonijiet ugwali.

Ir-rekwiżit tas-suq intern fl-Artikolu 65 b'hekk huwa restrizzjoni tar-rekwiżit trans-konfinali. Miżura li hi meħtieġa għat-tħaddim xieraq tas-suq intern bilfors li għandha implikazzjonijiet trans-konfinali, filwaqt li miżura li għandha implikazzjonijiet trans-konfinali mhux dejjem hi meħtieġa għat-tħaddim xieraq tas-suq intern. Din l-interpretazzjoni hi kkonfermata wkoll fin-negozjati li waslu għall-adozzjoni ta' l-Artikolu 65 peress illi r-rekwiżit tas-suq intern kien introdott fi stadju avvanzat tan-negozjati sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni jkun limitat. Interpretazzjoni aktar restrittiva ta' l-Artikolu 65 ma setgħetx kienet maħsuba minn dawk li fassluh peress illi dan kien joħloq ostakli ġodda għall-aċċess għall-ġustizzja fiż-Żona Ġudizzjarja Ewropea. Kull strument legali jkollu bżonn li jkollu d-definizzjoni tiegħu ta' "trans-konfinali" peress illi dik id-definizzjoni jkollha kważi żgur il-bżonn li tinbidel minn kwistjoni għal oħra li b'hekk tikkawża diffikultajiet konsiderevoli fl-applikazzjoni ta' dawk l-istrumenti.

Mhux biss ma jkunx xieraq iżda wkoll kontroproduċenti li l-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar jiġi kostrett għall-każijiet trans-konfinali.

L-ewwelnett, il-ħolqien ta' żewġ reġimi differenti għall-każijiet interni u għall-każijiet b'aspetti trans-konfinali għandu jiġi evitat. Tali duwalità tar-reġimi tkun inkonsistenti ma' l-għan ta' żona ta' ġustizzja unika u koerenti għal kulħadd.

Barra minhekk, kif deskritt hawn fuq, mhux fl-Istati Membri kollha jeżistu proċeduri għal talbiet żgħar mħaffa u mhux għolja li huma disponibbli għal-litiganti. In-nuqqas ta' proċeduri bħal dawn li huma proporzjonali għall-valur tal-litigazzjoni jagħmlu r-rikors ġudizzjali dubjuż ekonomikament f'bosta każijiet u ħafna drabi l-krediturijastjenu milli jieħdu azzjoni legali. Din il-limitazzjoni għal aċċess effettiv għall-ġustizzja tikkawża spejjeż ekonomiċi li għandhom impatti macroekonomiċi negattivi sinifikanti fuq it-tħaddim xieraq tas-suq intern.

2.2.2. Sussidjarjetà u proporzjonalità

L-għan ta' din il-proposta, li tissimplifika u tħaffef il-litigazzjoni fir-rigward ta' talbiet żgħar permezz tat-twaqqif ta' Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, ma tistax tinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri nfushom peress illi dawn ma jistawx jiggarantixxu l-ekwivalenza tar-regoli applikabbli madwar il-Komunità. L-għan b'hekk jista' jinkiseb biss fuq livell Komunitarju.

Din il-proposta hi konsistenti bi sħiħ mal-prinċipju ta' proporzjonalità peress illi hi strettament limitata għal dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dan l-għan. F'dak il-kuntest, hu partikolarment essenzjali li jiġu enfasizzati l-effetti ta' l-għaqda ta' l-istrument legali magħżul

(Regolament) man-natura mhux obbligatorja tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar f'relazzjoni ma' mekkaniżmi komparabbli taħt il-liġi proċedurali nazzjonali ta' l-Istati Membri. Filwaqt li jiżguraw l-uniformità u l-applikabbilità diretta tal-proċedura, ir-Regolament propost hawnhekk ikun biss jobbliga biss lill-Istati Membri sabiex jagħmlu l-proċedura Ewropea disponibbli bħala għodda addizzjonali. Dan mhux se jġiegħelhom la jabbandunaw il-liġi tagħhom dwar talbiet żgħar ta' qabel u lanqas li jemendaw tali leġislazzjoni sabiex iġibuha konformi mal-liġi Komunitarja. B'hekk, din il-proposta għal Regolament li ma taffettwax id-dritt ta' l-Istati Membri li jkomplu l-applikazzjoni tar-regoli domestiċi tagħhom flimkien mal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tindaħal wisq anqas fis-sistemi proċedurali tagħhom milli Direttiva li tkun teħtieġ adattament tal-liġi nazzjonali għall-istandards misjuba f'dak l-istrument. Din it-teknika leġislattiva, fil-fatt, tassigura livell minimu komuni fl-effiċjenza ta' l-irkuprar ta' talbiet żgħar iżda tippermetti l-Istati Membri li żviluppaw sistema domestika li taħdem aħjar li jżommuha. Fl-aħħar mill-aħħar, jitħalla f'idejn il-krediturі li jiddeċiedu liema proċedura jikkunsidraw bħala jew superjuri fl-eżekuzzjoni jew aktar konvenjenti fis-sens ta' l-aċċessibbilità, il-kriterju ta' l-aħħar hu partikolarment rilevanti għal dawk li jaħdmu f'bosta Stati Membri u li jinħellsu mill-bżonn li jsiru familjari mal-proċedura legali ta' kull wieħed minnhom permezz tad-disponibbiltà ta' Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar uniformi. Fl-aħħar, għandna nżommu f'moħħna li l-Artikolu 17 tal-proposta jipprovdi li "suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun irregolata mil-liġi proċedurali ta' l-Istat Membru li fiha tkun qed titmexxa l-proċedura." B'hekk, l-introduzzjoni ta' Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar ma timplikax il-bżonn għal aktar approssimazzjoni tal-leġislazzjoni proċedurali nazzjonali u b'hekk iżżomm l-interferenza mal-liġi domestika għal minimu assolut.

2005/0020 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 61(c) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[11]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[12],

Jaġixxu b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[13],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea tat lilha nnifisha l-għan li żżomm u tiżviluppa l-Unjoni Ewropea bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li fiha l-moviment ħieles tal-persuni hu assigurat. Għall-istabbiliment gradwali ta' tali żona, il-Komunità għandha tadotta, fost oħrajn, il-miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili meħtieġa għat-tħaddim xieraq tas-suq intern.

(2) F'dan ir-rigward, il-Komunità fost miżuri oħra, diġà adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra ġudizzjarji f'kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[14], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi *Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali[15], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[16] u r-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati[17].

(3) Fl-20 ta' Diċembru 2002, il-Kummissjoni adottat *Green Paper* dwar ordni Ewropea għall-proċedura ta' pagament u dwar miżuri li jissimplifikaw u jħaffu litigazzjoni għal

---

11 ĠU C [...], [...], p. [...].
12 ĠU C [...], [...], p. [...].
13 ĠU C [...], [...], p. [...].
14 ĠU L 160, tat-30.6.2000, pġ.37.
15 ĠU L 174, tas-27.6.2001, p.25.
16 GU L 12, tas-16.1.2001, p.1.
17 ĠU L 143, tas-30.4.2004, p. 15.

talbiet żgħar[18]. Il-*Green Paper* nediet konsultazzjoni dwar miżuri li jikkonċernaw is-simplifikazzjoni u t-tħaffif ta' litigazzjoni dwar talbiet żgħar.

(4) Bosta Stati Membri introduċew proċeduri ċivili simplifikati għal Talbiet Żgħar peress illi l-ispejjeż, id-dewmien u l-vessazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-litigazzjoni mhux neċessarjament jonqsu b'mod proporzjonali ma' l-ammont tat-talba. L-ostakli għall-kisba ta' sentenza mħaffa u mhux għalja huma ntensifikati f'każijiet trans-konfinali. B'hekk hu neċessarju li tinħoloq Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. L-għan ta' tali proċedura Ewropea għandu jkun li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja billi tiġi pprovduta proċedura ta' tul ta' żmien moderat bi spejjeż li wieħed jiflaħ għalihom.

(5) Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern ikkawżata min-nuqqas ta' ekwilibriju fir-rigward tat-tħaddim tal-mezzi proċedurali mogħtija lill-kredituri fi Stati Membri differenti tfisser il-bżonn li l-leġislazzjoni tal-Komunità tiggarantixxi paritá għall-kredituri u d-debituri fl-Unjoni Ewropea.

(6) Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tapplika wkoll għal każijiet purament domestiċi sabiex li jiġu eliminati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri differenti u jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja taħt kondizzjonijiet ugwali fl-Istati Membri kollha.

(7) Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tissimplifika u tħaffef il-litigazzjoni dwar talbiet żgħar filwaqt li tnaqqas l-ispejjeż billi toffri għodda mhux obbligatorja addizzjonali għall-possibbiltajiet li jeżistu taħt il-liġijiet ta' l-Istati Membri li mhux se jiġu mittiefsa, Dan ir-regolament għandu wkoll jagħmilha eħfef li jinkiseb ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza mogħtija fi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar fi Stat Membru ieħor, inkluż sentenzi li fil-bidu kienu ta' natura purament domestika.

(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-proċedura, il-kwerelant għandu jibda l-Proċedura billi jimla formola tat-talba u jiddepożitaha fil-qorti jew tribunal kompetenti.

(9) Sabiex jiġu mnaqqsa l-ispejjeż u d-dewmien, dokumenti għandhom jintbagħatu lill-partijiet permezz ta' ittra reġistrata b'dikjarazzjoni ta' riċevuta, jew b'kull mezz ieħor aktar sempliċi bħal sempliċi ittra, fax jew email. Il-proċedura għandha tkun waħda bil-miktub, sakemm il-qorti jew tribunal ma jikkunsidrax meħtieġ smigħ orali. Il-partijiet m'għandhomx ikunu mġiegħela li jkunu rappreżentati minn avukat.

(10) Il-qorti jew tribunal għandu jkun jista' jżomm smiegħ permezz ta' konferenza awdjo, vidjo jew email. Din għandha wkoll tkun tista' tiddetermina l-mezzi ta' prova u l-miżura tat-teħid tal-provi skond id-diskrezzjoni tagħha u tista' tawtorizza t-teħid tal-provi permezz tat-telefon, dikjarazzjonijiet bil-miktub tax-xhieda, u konferenza awdjo, vidjo jew email.

(11) Il-qorti jew tribunal għandu jirrispetta l-prinċipju ta' proċess kontenzjuż.

(12) Sabiex titħaffef ir-riżoluzzjoni tat-tilwim, is-sentenza għandha tingħata fi żmien 6 xhur wara r-reġistrazzjoni tat-talba.

---

[18] KUMM(2002) 746 finali.

(13) Sabiex jitħaffu l-irkuprar ta' Talbiet Żgħar, is-sentenza għandha tkun tista' tiġi infurzata immedjatament anki jekk ikun hemm xi possibbiltà ta' appell u mingħajr il-kondizzjoni ta' l-għotja ta' sigurtà.

(14) Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, meta l-parti telliefa hi persuna naturali u mhijiex rappreżentata minn avukat jew kwalunkwe professjonist legali ieħor, m'għandhiex tkun obbigata li tħallas lura l-onorarju ta' avukat jew ta' professjonist legali ieħor tal-parti l-oħra.

(15) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent u l-infurzar, sentenza mogħtija fi Stat Membru f'Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun rikonoxxuta u infurzata fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' infurzar u mingħajr l-ebda possibbiltà li tiġi opposta r-rikonoxximent tagħha.

(16) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod speċifiku, jfittex li jassigura rispett sħiħ għad-dritt għal smigħ xieraq kif rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta.

(17) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura ta' konsulenza mniżżla fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni 19.

(18) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri titwaqqaf proċedura sabiex tissimplifika u tħaffef il-litigazzjoni dwar talbiet żgħar, u tnaqqas l-ispejjeż, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u b'hekk jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità Tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà mniżżel fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità mniżżel f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(19) [Ir-Renju Unit u l-Irlanda, skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, taw avviż tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

(20) Id-Danimarka, skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, mhix qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'hekk mhix marbuta u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

[19] ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Kapitolu I

IS-SUĠĠETT U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura Ewropea għal talbiet żgħar (minn hawn 'il quddiem imsejħa Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar) biex jissimplifika u jħaffef il-litigazzjoni dwar talbiet żgħar u jnaqqas l-ispejjeż. Il- Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun disponibbli għal-litiganti bħala alternattiva għall-proċeduri li jeżistu taħt il-liġijiet ta' l-Istati Membri.

Dan ir-Regolament ukoll ineħħi l-mizuri intermedji meħtieġa sabiex sentenza mogħtija fi Stat Membru f'Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tkun tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stati Membri oħra bl-eċċezzjoni ta' sentenzi dwar talbiet li mhumiex kontestati.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika f'affarijiet ċivili u kummerċjali tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew it-tribunal, fejn il-valur totali ta' talba għall-flus jew talba li mhix għall-flus minbarra interessi, spejjeż u nfiq ma teċċedix EUR 2.000 meta tinbeda l-proċedura. M'għandhux jestendi, b'mod partikolari, għal dħul, dwana jew affarijiet amministrattivi.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal affarijiet li jirrigwardaw:

   (a) l-istatus jew il-kapaċità legali ta' persuni naturali,

   (b) dirttijiet fi proprjetà li joħorġu minn relazzjoni matrimonjali, testmenti u suċċessjoni,

   (c) falliment, proċeduri li jikkonċernaw l-istralċ ta' kumpanniji insolventi jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjali, kompożizzjonijiet u proċeduri analogi,

   (d) sigurtà soċjali,

   (e) arbitraġġ,

   (f) liġi dwar l-impjiegi.

3. F'dan ir-Regolament, it-terminu "Stat Membru" għandu jfisser Stati Membri bl-eċċezzjoni tad-Danimarka. *[Ir-Renju Unit, L- Irlanda]*

Kapitolu II

IL-PROĊEDURA EWROPEA GĦAL TALBIET ŻGĦAR

Artikolu 3

Bidu tal-Proċedura

1. Il-kwerelant għandu jagħti bidu għall-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar billi jimla l-formola stipulata fl-Anness I u jirreġistraha flimkien mad-dokumenti l-oħra kollha rilevanti fil-qorti jew tribunal kompetenti. Il-formola tat-talba tista' tiġi ppreżentata direttament, bil-posta jew b'kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni bħal fax jew email li hu aċċettabbli għall-Istat Membru li fih tkun inbdiet il-proċedura.

2. Stati Membri għandhom jinformaw il-Kummissjoni dwar liema mezzi ta' komunikazzjoni huma aċċettabbli għalihom. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

3. Il-qorti jew tribunal għandha tirreġistra l-formola tat-talba immedjatament mar-riċeviment u għandha tieħu nota tad-data u l-ħin tar-riċeviment tad-dokumenti l-oħra kollha li tirċievi fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

4. Għal-fini ta' l-interruzzjoni tal-perijodi ta' preskrizzjoni jew, kif ikun il-każ, ta' limitazzjoni, il-qorti jew tribunal hi meqjusa li għandha l-pussess meta l-formola tat-talba tkun reġistrata skond il-paragrafu 3.

5. Fejn formola tat-talba m'għandhiex x'taqsam ma' azzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif stipulat fl-Anness 2, il-qorti jew tribunal m'għandhiex titratta t-talba bħala Talba Żgħira Ewropea, iżda għandha tipproċedi skond il-liġi proċedurali applikabbli fl-Istat Membru li fih tkun qed titmexxa l-proċedura. Il-qorti jew it-tribunal għandhom jinfurmaw il-kwerelant b'dan.

6. Fejn il-qorti jew tribunal tikkonsidra li l-informazzjoni pprovduta mill-kwerelant mhijiex ċara jew suffiċjentement adegwata jew jekk il-formola tat-talba ma tkunx ġiet mimlija sew, dan jista' jagħti lill-kwerelant l-opportunità li jimla jew jemenda l-formola jew li jforni informazzjoni jew dokumenti supplimentari kif din tispeċifika.

7. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-formola tat-talba hi disponibbli fil-qrati jew tribunali kollha li fihom il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tista' tinbeda, u li assistenza prattika tkun disponibbli f'tali qrati jew tribunali kollha sabiex tgħin lil kwerelanti fil-mili tal-formola.

Artikolu 4

Tmexxija tal-Proċedura

1. Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun proċedura bil-miktub, sakemm smigħ orali ma jkunx jitqies meħtieġ mill-qorti jew tribunal li għandha tieħu in konsiderazzjoni kull osservazzjonijiet jew talbiet tal-partijiet f'dan ir-rigward.

2. Wara li tirċievi l-formola tat-talba, il-qorti jew it-tribunal għandhom jimlew Parti I tal-formola tat-tweġiba li hemm fl-Anness II. Fi żmien tmient ijiem minn meta tkun irċevietha, għandha tippreżenta kopja tal-formola tat-talba u tal-formola tat-tweġiba hekk mimlija lill-konvenut, skond l-Artikolu 11.

3. Il-konvenut għandu jwieġeb fi żmien xahar minn meta l-formoli tat-talba u tat-tweġiba jkunu ġew ippreżentati lilu billi jimla l-Parti II tal-formola tat-tweġiba u jżid dokumenti addizzjonali u billi jirritornaha lill-qorti jew tribunal, jew f'kull mod ieħor xieraq li ma jinvolvix l-użu tal-formola tat-tweġiba

4. Fi żmien tmient ijiem minn meta tkun irċeviet it-tweġiba mill-konvenut, il-qorti jew tribunal għandha tippreżenta kopja tat-tweġiba u kull dokument addizzjonali lill-kwerelant skond l-Artikolu 11.

5. Jekk fit-tweġiba tiegħu l-konvenut jagħmel kontrotalba kontra l-kwerelant, il-qorti jew tribunal għandha tinforma l-kwerelant bil- kontrotalba. Il-kwerelant għandu jwieġeb għall-kontrotalba fi żmien xahar wara li t-tweġiba tkun ġiet ippreżentata lilu..

6. Jekk il-valur totali tal-kontrotalba jaqbeż l-ammont stipulat fl-Artikolu 2(1), il-qorti jew tribunal għandha tikkunsidra l-kontrotalba biss jekk din toħroġ mill-istess relazzjoni legali tat-talba u jekk il-qorti jew tribunal tikkunsidra xieraq li tkompli l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

7. Jekk xi dokument addizzjonali milqugħ mill-qorti jew tribunal ikun f'lingwa oħra minbarra l-lingwa li biha titmexxa l-proċedura, il-qorti jew tribunal tkun teħtieġ biss traduzzjoni ta' dak id-dokument, jekk it-traduzzjoni hi meħtieġa sabiex tingħata s-sentenza.

Jekk parti tkun irrifjutat li taċċetta dokument peress illi dan ma jkunx f'waħda mil-lingwi pprovduti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, il-qorti jew tribunal għandha tinforma l-parti l-oħra b'dan u tagħtiha parir li tippreżenta traduzzjoni.

Artikolu 5

Konklużjoni tal-Proċedura

1. Fi żmien xahar wara li tasal it-tweġiba tal-konvenut jew tal-kwerelant fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) u (5), il-qorti jew tribunal għandhom

a) tagħti sentenza, jew

b) titlob dettalji ulterjuri dwar it-talba mill-partijiet f'limitu ta' żmien stipulat, jew

c) tlaqqa' l-partijiet għal smigħ.

2. Jekk il-qorti jew tribunal ma jkunux irċievew tweġiba mill-konvenut fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3), il-qorti jew it-tribunal għandhom jagħtu sentenza b'kontumaċja.

Artikolu 6

Smigħ

1. Il-qorti jew tribunal tista' żżomm smigħ permezz ta' konferenza awdjo, vidjo jew email, jekk il-mezzi tekniċi huma disponibbli u jekk iż-żewġ partijiet jaqblu.

2. Jekk parti ma tkunx preżenti għas-smigħ u persuna oħra tippreżenta lil dik il-parti, il-qorti jew tribunal tista' ssaqsi lil dik il-persuna sabiex tippreżenta mandat jew awtorizzazzjoni oħra bil-miktub minn dik il-parti, jekk dan hu meħtieġ mil-liġi proċedurali applikabbli fl-Istat Membru li fih tkun qed tinżamm il-proċedura.

Artikolu 7

It-teħid tal-provi

1. Il-qorti jew tribunal tista' tiddetermina l-mezzi ta' prova u l-miżura tat-teħid tal-provi skond id-diskrezzjoni tagħha. B'mod partikolari, il-qorti tista' tippermetti t-teħid tal-provi permezz tat-telefon, dikjarazzjonijiet bil-miktub ta' xhieda, u permezz ta' konferenza awdjo, vidjo jew email.

2. F'każijiet eċċezzjonali, il-qorti jew tribunal tista' tilqa' evidenza ta' xhieda esperti jekk dan hu indispensabbli għas-sentenza.

Artikolu 8

Rappresentanza tal-partijiet

Rappreżentanza tal-partijiet permezz ta' avukat jew professjonist legali ieħor m'għandux ikun obbligatorju.

Artikolu 9

Rwol tal-qorti jew tribunal

1. Il-qorti jew tribunal għandha tirrispetta d-dritt għal smigħ xieraq u l-prinċipju ta' proċess kontenzjuż, b'mod partikolari meta tkun qed tiddeċiedi dwar in-neċessità ta' smigħ orali u dwar il-mezzi ta' prova u l-limitu għat-teħid tal-provi.

2. Il-qorti jew tribunal m'għandhiex tobbliga lill-partijiet li jagħmlu kwalunkwe valutazzjonijiet tat-talba.

3. Jekk ikun meħtieġ, il-qorti jew tribunal għandha tappoġġa l-partijiet f'mistoqsijiet proċedurali u tista' titlobhom sabiex ifornu kwalunkwe informazzjoni fattwali rilevanti għad-determinazzjoni tal-kwistjonijiet fil-każ.

4. Kull meta jkun xieraq, il-qorti jew tribunal għandha tfittex li tilħaq soluzzjoni bejn il-partijiet.

Artikolu 10

Sentenza

1. Is-sentenza għandha tingħata fi żmien sitt xhur wara r-reġistrazzjoni tal-formola tat-talba.

2. Jekk is-sentenza ma tkunx ingħatat b'mod orali fil-konklużjoni tas-smigħ li għalih iż-żewġ partijiet huma preżenti, il-qorti jew tribunal għandha tippreżenta s-sentenza lill-partijiet skond l-Artikolu 11.

Artikolu 11

1. *Preżentazzjoni ta' dokument*Fejn id-dokumenti għandhom jiġu ppreżentati fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru li fih tkun qed titmexxa l-proċedura, dawn għandhom jiġu ppreżentati lill-partijiet permezz ta' ittra rreġistrata b'dikjarazzjoni ta' riċevuta, b'rispett għal kwalunkwe kondizzjonijiet addizzjonali pprovduti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, u b'konsiderazzjoni għall-Artikolu 8 tiegħu.

2. Fejn id-dokumenti għandhom jiġu ppreżentati fl-Istat Membru li fih il-proċedura qed titmexxa u l-indirizz tad-destinatarju hu magħruf b'ċertezza, dokumenti għandhom jiġu ppreżentati lill-partijiet permezz ta' ittra reġistrata b'dikjarazzjoni ta' riċevuta, jew permezz ta' kull mezz ieħor sempliċi bħalma hi ittra, fax jew email sempliċi, jekk dawn il-mezzi aktar sempliċi huma pprovduti fil-liġi proċedurali ta' l-Istat Membru li fih tkun qed titmexxa l-proċedura.

3. Jekk f'ċirkustanzi eċċezzjonali mhuwiex possibbli li ssir preżentazzjoni skond il-paragrafi 1 u 2, il-preżentazzjoni tista' ssir permezz ta' mezzi oħra li jassiguraw il-preżentazzjoni personali.

Artikolu 12

Limiti ta' żmien

1. Jekk ikun meħtieġ f'ċirkostanzi eċċezzjonali sabiex tiġi ggarantita difiża effettiva tal-partijiet, il-qorti jew tribunal jista' jtawwal il-limiti ta' żmien ipprovduti fl-Artikolu 4 (3) u (5).

2. Jekk f'ċirkostanzi eċċezzjonali mhuwiex possibbli għall-qorti jew tribunal li tirrispetta l-limiti ta' żmien ipprovduti fl-Artikoli 4 (2) u (4), 5 (1) u 10 (1) sabiex ma tkunx ipperikolata t-tmexxija xierqa tal-proċeduri, għandha tieħu l-passi meħtieġa malajr kemm jista' jkun.

3. Bl-għan li jiġu kkalkulati l-limiti ta' żmien ipprovduti f'dan ir-Regolament, ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jwaqqaf ir-regoli applikabbli għal perijodi, dati u limiti ta' żmien[20] għandu japplika.

---

[20] ĠU L 124, tat-8.6.1971, p. 1.

Artikolu 13

L-infurzar tas-sentenza

Is-sentenza għandha tkun infurzata mill-ewwel minkejja kull appell possibbli. Ma jkunx hemm bżonn ta' għoti ta' garanzija.

Artikolu 14

Spejjeż

1. Il-parti telliefa għandha tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, ħlief fejn dan ma jkunx ġust jew raġonevoli. F'dak il-każ, il-qorti jew tribunal għandha tagħmel kwalunkwe pagament għall-ispejjeż fuq bażi retta.

2. Meta l-parti telliefa hi persuna naturali u mhijiex rappreżentata minn avukat jew kwalunkwe professjonist legali ieħor, m'għandhiex tkun obbligata li tħallas lura l-onorarju ta' avukat jew ta' professjonist legali ieħor tal-parti l-oħra.

Artikolu 15

Appell

1. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar jekk jistax isir appell taħt il-liġi proċedurali tagħhom kontra sentenza mogħtija f'proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

2. F'proċedura ta' appell kontra sentenza mogħtija f'Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, rappreżentanza tal-partijiet minn avukat jew professjonist legali ieħor m'għandhiex tkun obbligatorja.

3. M'għandux ikun hemm appell ordinarju ulterjuri jew kassazzjoni kontra sentenza ta' appell.

Artikolu 16

Reviżjoni tas-sentenza

Jekk jaġixxi immedjatament, il-konvenut għandu jkun intitolat li japplika għal reviżjoni tas-sentenza mogħtija f'proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġi ta' l-Istat Membru li fih is-sentenza tkun ingħatat u mgħarrfa lill-Kummissjoni skond l-Artikoli 19 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004, fejn:

a) (i) il-formola tat-talba jew iċ-ċitazzjoni għal smigħ kienu ppreżentati permezz ta' metodu mingħajr dikjarazzjoni ta' riċevuta minnu personalment, u

(ii) il-preżentazzjoni ma saritx f'perijodu ta' żmien suffiċjenti jew b'mod li tippermetti li jipprepara d-difiża tiegħu bla ebda nuqqas min-naħa tiegħu, jew

b) il-konvenut ma tħalliex jogġezzjona għat-talba għal raġuni ta' force majeure, jew minħabba f'ċirkostanzi straordinarji mingħajr l-ebda nuqqas min-naħa tiegħu.

Artikolu 17

Liġi Proċedurali Applikabbli

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun irregolata mil-liġi proċedurali ta' l-Istat Membru li fih tkun qed titmexxa l-proċedura.

Kapitolu III

RIKONOXXIMENT U INFURZAR

Artikolu 18

Rikonoxximent u infurzar

1. Sentenza mogħtija fi Stat Membru f'Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun rikonoxxuta u infurzata fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' infurzar u mingħajr kwalunkwe possibiltà li jiġi oppost ir-rikonoxximent tagħha jekk tkun ġiet iċċertifikata mill-qorti jew tribunal fl-Istat Membru ta' l-oriġini bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

2. Is-sentenza mogħtija fi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun iċċertifikata jekk ma tmurx kontra r-regoli ta' ġurisdizzjoni kif imniżżla fis-Kapitolujiet 3 u 6 tal-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

   Iċ-ċertifikat għandu jkun stabbilit fil-lingwa tas-sentenza.

   M'għandu jkun hemm l-ebda appell kontra l-ħruġ taċ-ċertifikat.

   Il-liġi ta' l-Istat Membru li fih il-proċedura tkun qed titmexxa għandha tapplika għal kull emenda taċ-ċertifikat.

3. Fejn, fil-ħin li fih ingħatat is-sentenza, jidher li din se tkun infurzata fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat għandu jingħata *ex officio* fil-ħin ta' l-għoti tas-sentenza. Altrimenti ċ-ċertifikat għandu jinħareġ jekk ikun hemm talba minn waħda mill-partijiet.

4. Parti li qed tfittex l-infurzar ta' sentenza għandha tipprovdi:

   (a) kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha; u

   (b) iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 m'għandhomx jgħoddu għal sentenzi dwar talbiet li ma ġewx ikkontestati fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 805/2004.

Kapitolu IV

IR-RELAZZJONI MA' STRUMENTI KOMUNITARJI OĦRA

Artikolu 19

Ir-Relazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 805/2004 u mar-Regolament (KE) Nru 44/2001

Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 u tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

Kapitolu V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Informazzjoni

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkooperaw biex jipprovdu lill-pubbliku ġenerali u liċ-ċirki professjonali bl-informazzjoni dwar il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, b'mod partikolari permezz tan-*Network* Ġudizzjali Ewropew f'kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali stabbilit bid-Deċiżjoni 2001/470/KE.

Artikolu 21

Miżuri ta' implimentazzjoni

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta': modifika tal-limitu stabbilit fl-Artikolu 2(1), u aġġornamenti jew emendi tekniċi għall-formoli fl-Annessi, jew fl-introduzzjoni ta' formoli addizzjonali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' konsultazzoni msemmija fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 22

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ipprovdut mill-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

2. Fejn ikun hemm referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw b'konsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' l – Artikolu 8 tagħha.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl- […].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
[...]	*[...]*